# PROGRAMM

## TAL FESTA TAL MARTRI TA KRISTU



# SAN BASTIAN

Li sejrin isiru fil Jiem 6, 7, 8, 9, 10 ta' Lulju 1938

FIL-BELT PINTO

DEWAR'S




"White Label"
**WHISKY**

AGENT:-

# P. CUTAJAR & Co.

# S. GUILLAUMIER & Co.

## MIRROR MANUFACTURERS

Phone 936. HAMRUN = MALTA. Est. 1931.

Id=Ditta "S. GUILLAUMIER & Co." l'unika ditta f'Malta rikonoxxuta mill Gvern ghax=xoghlijet tal Mirja, taghmel ukoll dawn ix=xoghlijet fil kristal u hgieg:=

Mirja b'disinji ta kwalunkwe ghamla u daqs.

Molaturi ta disinn u ghamliet differenti.

Kristal u hgieg molat b'disinji zmeriljati ghal Antiporti.

Kull ghamla ta disinn zmeraljat fuq mirja u hgieg.

Hgieg u kristal imitazzjoni tar=rham.

Hgieg ta kwalunqwe daqs u kulur ghal kisi tal kmamar tal Banju, Kcejjen, Zocclaturi u ghal kull xorta ta usu iehor.

Kull xorta ta xoghol fuq kristal jew hgieg ikkulurit, u mirja ikkuluriti, specialita' ghall Malta.

Riargentatura ta kull xorta ta mirja imtebbghin.

Hgieg ghal motor=cars, windscreens, u xoghol ta hgieg iehor ghal motors.

Kwalunkwe qtuh u rangjar ta flixken ta cristall u dameggiani.

Lampadarji, limfi, u lampi ohra ta kristal u hgieg immolat ingastat fir=rham jew comb, specjalita' tad=ditta fuq imsemmija.

Argentatura ta riffletturi jew lampi elettrici.

Qtuh u toqob fil krstal jeu hgieg ta kulldaqs u ghamla.

Vetrini artistici, sagri jeu profani

Kull xorta ta ittri ta metal, ta kwalunkwe daqs u ghamla, ghat tabelli tal hwienet

Kwalunkwe xoghol iehor li jkun mitlub mil klient, jigi maghmul b'lakbar ezattezza u f'qasir zmien u bi prezzi;iet competenti.

---

# ANGELO BUSUTTIL

## WHOLESALE & RETAIL

EARTHENWARE, ENAMELWARE, GLASSWARE,

& HOLLOWARE

16, Sda. Dolori e Vicolo 1 No. 4, 7 e 12 Sda. Vitale

HAMRUN - MALTA

# PROGRAMM

## Tal Festa Tal Martri ta' Kristu

# SAN BASTIAN

### Li sejrin isiru fil Jiem 6, 7, 8, 9, 10 ta' Lulju 1938

### FIL-BELT PINTO

## FESTI TAL-KNISJA

---

**Fis-6, 7 u 8 ta' Lulju,** fis-7 p.m. Tridw fejn isir l'għasar bl'orgni u vuċijiet, wara issir pridka fuq il-Glorjus Martri tal-Fidi S. Bastian mis-Sac: Enrico Cordina Perez, Kappillan tal-Parroċċa ta' S. Geitanu tal-Hamrun. Wara tintgħat il-Coroncina ta' S. Bastian u jitkantaw l'innu u l'antifona b'mużka solenni, b'orkestra piena diretta mis-Surmast Vincenzo Bugeja. Tispiċċa il-funzjoni bil Barka Sagramentali u bl'Innu popolari miktub minn F. Abela fuk il-mużka ta' l-istess Surmast V. Bugeja u kantat min kullħadd.

**Fis-7, 8, 9, ta' Lulju** fis-6.30. a.m. issir il-quddiesa tat-Tridw bid-daqq ta' l-orgni u il-vuċijiet

**Fid-9 ta' Lulju** (lejliet il-Festa) fis-7.30. a.m. issir Quddiesa Kantata bil-mużka u kif tispiċċa jitkanta it-Te Deum bħala ringrazjament.

Fl'istess jum wara nofs-inhar, fis-6.15. issir it-Transulazjoni tar-Relikwija, jitkanta l-Għasar Solenni, bil-mużka tal magħruf Surmast V. Bugeja: tispiċċa l-funzjoni bil-Barka Sagramentali.

**Fil-10 ta' Lulju** (jum il-Festa) fil-5.30. ta' fil-għodu isir il-Matutin Solenni bil-Kant Gregorjan u l-Responsorju bil-mużka. Fid-9.15. ta' filgħodu Quddiesa Solenni bil-mużka tas-Surmast Bugeja. Wara l-Vanġelu jinseġ il paniġirku bil-Malti fuq il-Kbir Difensur tal-Fidi S. Bastian, il Wisq Rev. D. Carmelo Schembri.

Wara nofs-inhar fis-6. p.m. issir il-Proċessjoni bir-Relikwija tal-Glorjus Suldat ta' Kristu San Bastian. Il Proċessjoni tkun imexxija mill Wisq Rev. Mons. Salv. Milanesi. Xħin tidħol il-Proċessjoni jiġu esegwiti l'Innu u l'Antifona ta' San Bastian a piena orkestra taħt id-direzjoni tas-Surmast Bugeja.

Wara tingħata l-Barka Sagramentali.

# FESTI TA' BARRA

**Fit-8 ta' Lulju** laħħar tat-Tridw, issir mixgħela ġenerali mal-limiti kollha b'tiżjin tad-dawl elettriku mis-Sur S. Mamo.

Il-Banda ta' din il-Belt Soc. Fil. «Pinto» mit-8 p.m. il quddiem id-doqq marċi brijużi fit-toroq prinċipali tal-limiti u wara jindaqq l-Innu ta' S. Bastian tas-Surmast V. Bugeja fuq il-versi tas-Sur F. Abela.. Mal 50 tifel jgħannu dana l'Innu quddiem l'Istatwa ta' S. Bastian.

**Fid-9 ta' Lulju** lejliet il-Festa kif id-daqq tal-qniepel iħabbru «Te Deum» issir musketterija spanjola qrib il-Parroċċa.

Mil-5 p.m. il quddiem dawn il-baned hawn taħt imsemmija, kull waħda minnhom iddoqq Marċi mat-toroq prinċipali u wara iddoqq programm.

Il Banda «San Giuseppe» tal Hamrun, kuddiem il-Każin tal Banda «Pinto».

Il Banda «Pinto» ta li stess Belt fil Misraħ San Bastian sewwa kuddiem l'istatwa, fein wara il Marċijet mal-limiti tinseġ programm sabieħ.

Fid-9.30 p.m. fil-Misraħ ta kuddiem il-Knisja jibda l'isparar tal bombi min Ant. Camilleri.

Wara isir il-lgħob kbir tan-nar.

**Fil-10 ta Lulju** (jum il festa) fit-8 ta filghodu il Banda Fil. «Pinto» tibda il marċ mal-limiti kollha bżanżin ta Marċijet ġodda mgħamula għal okkazioni. Fil-5.30 p.m. Marċijet mat-toroq mill Baned hawn taħt imsemmija li jgħamlu mbgħad programm.

1.) Il-Banda Fil. «La Valette» kuddiem il-Knisja.

2.) Il-Banda Fil. «King's Own» tal Belt kuddiem il Każin «Pinto».

3.) Il-Banda Fil. «San Giuseppe» tal Hamrun kuddiem San Paul.

4.) Il-Banda Fil. «Santa Maria» ta Hal-Ghaxak fit-triq Vittoria kantuniera ma S. Bastian.

Wara il proċessioni ikun hemm sparar ta musketterija, bombi u fil-10 p.m. lgħob kbir tan-nar maħdum min Carmelo Bondin taż-Zurriek.



Wasal iz=zmien ta' nteress
ghal dawk l'ihobbu jisimghu

## L'ahhar Ahbarijet

### L'R.A.P. jergu johorgu rebbieha.

Dawn ir=Radijiet huma mficcija min=nies bhala:= l'ahjar, l'izjed fini, u moderni, li ghandhom il "Waves" kollha:= "2 Short", "Medium" u "Long"

Dawk li jixtiequ jkollhom set ta' din il=kwalita' ,ghandhom jixtru min dawn ta' 5, jew 8 "Valves"

B'dawn is=settijiet tircievu programmi, qawwijin u cari, kemm ta' musika u kemm ta' diskorsi.

L'R.A.P. ghandhom kabinetti zbieh, u moderni.

Ghal xi informazionijiet morru ghand l=agent

# THE JOHNSON COMP. LTD.

## GENERAL RADIO ENGINEERING SERVICE

## 153, Sda. Reale = Hamrun.

Fl'istess ditta inthom issibu stock gdid, ta Valves Inglisi u Amerikani; Muturi ghar=Radio=Gram tal-ahjar ditti Inglisi "GARRARD" G. E. C. etc. mahdumin specjali ghal-kurrent ta' Malta, 105 v, - 205 v. u 100 Cycles.

Jaccettaw kull tiswija ta' Radijiet ta' kull xorta.

Ix=xoghol kollu l=isir jigi ezaminat mid=Direttur Tekniku ta li stess Kumpanija is=Sur JOHN FARRUGIA M.I.R.E., A.M.I.E.T. RADIO ENGINEER.

# INNU

LIL

# Glorjus Martri S. Bastian

Kantat fuq il-Muzka tal Popolari Surmast Vincenzo Bugeja.

F'Jum il-ferħ ta' kbira festa,
L-ilsna l-qlub kollha jtennulek,
Sebastjan, f'dal jum ta 'mħabba,
Inni sbieħ ukoll jinsġulek.

F'dan il-jum il-ħlejjaq kollha,
L-art, il-baħar u s-Smewwiet
Tifħir, gloria lilek jagħtu
Ta' l'ikbar eġubijiet,

Min tad-dinja banda għall-oħra
Jidwi kbir u sabieħ Ismek
Għalkemm l-Isem le ma jisboq
Ta'min ħalqek u aqwa minnek.

O Glorjus Suldat qalbieni
Minn t'Appostlu prova tajt
Hemm fil-ħabs minn ta' Nikostratu,
T'Alla l-kelma 'ippritkajt.

F'Ruma wisq kienu l-pagani
Li l-fidi ħaddnu mħabba fik
Ċaiċru demmhom mietu martri
Wardiet sbieħ wisq kienu għalik.

Is-sliem għalik "O Tawmaturgu"
"Difensur tal-fidi tagħna"
B'dik l-imħabba li fik tgħammar
Deh! mexxina u-ieqaf magħna.

Għamel inti li jitrażżnu
Ittempesti l-mard, il ġugħ
U żernieq ta ġranet isbaħ
F'ferħ jidbiddel tagħna d-dmugħ.

B'leħen wieħed u qalb waħda
Kif aħna l-lum ferħanin
Viva ngħajtu "Sebastiano
Protettur tagħna l-Qormin"

20-4-37 F. ABELA.

Nihil Obstat Datum Melitae, die 30 Aprilis 1937 F. Ant. M. Tonna Barthet, O.S.A. Cens. Theol.

# St. ANTHONY BAZAAR

**56, STRADA VITTORIA - QORMI**

**F'dan il BAZAAR ghandek issib dawk l'oggetti kollha li huma mehtiegin ghall familji bi prezzijet moderati hafna.**

---

**GHAL KULL XOGHOL TA'**

# STAMPA

bħal ma huma: *biljetti di visita,* biljetti tat-tieġ, kontijiet, karti ta' l-ittri, tikketti bil kuluri, boros ta' kull daqs, invilopsi, u kull xogħol ieħor ta' stampa morru għand

**"EBEJER PRESS"**

**22, Msida Road - St. Venera.**

(ħdejn li «Stage» tal«Buses» tat-Torretta)

Prezzijiet li ma' jibzgħu minn l-ebda kon-korrenza. Ippruvaw u taraw il-verità.